MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 113/1996/1

**Emvic Limited**

**v.**

**Direttur Generali, Works Division; u ghal kull interess li jista' jkollu l-Accountant General**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenut Direttur Generali tax-Xogholijiet minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, tal-14 ta’ Ottubru 2004 fejn dik il-Qorti, wara li laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut l-iehor l-Accountant General u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju, iddikjarat li l-appellant kien debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta’ LM52,863 u ordnatlu jhallas l-ammont minnha likwidat bl-imghaxijiet mit-8 ta’ April 1996. Is-sentenza appellata, li sejra tigi hawn riprodotta ghal ahjar intendiment ta’ dan l-appell, tghid hekk:
“Il-Qorti ,

“Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta` attrici, wara li ppremettiet :

“Illi l-kumpanija attrici rebhet *tender* minghand id-Direttur Generali tal-Works Division sabiex twettaq il-kostruzzjoni ta' "quay walls, *abutments* and bridge over rainwater channel outlets" fil-bajja ta' Marsalforn, limiti ta' Zebbug, Ghawdex, liema *tender* iggib ir-referenza Treas 2280.94, WD 10/94 u L/A 426/94; skond ma jirrizulta mill-anness Dokument "A";

“Illi x-xoghol illi kellu jsir mill-kumpanija kellu jithallas bir-rati elenkati fit-"*tender* document" illi kopja taghhom hija hawn annessa u markata Dok. "B";

“Illi l-kumpanija effettivament wettqet ix-xoghol kollu illi kien meritu ta' dik it-*tender*, kif ukoll ix-xoghol ancillari kollu;

“Illi dan ix-xoghol kollu sar ai termini tal-kuntratt tax-xoghol;

“Illi wara li twettaq ix-xoghol il-kumpanija prezentat il-kont ghal dan ix-xoghol lill-perit P. Grixti Soler illi kien il-perit inkarigat mis-sorverjanza tax-xoghol kollu, u dan sar fit-2 ta' Settembru 1995; skond ma jirrizulta mid-dokument C hawn anness; u b'ittra ohra tal-ewwel ta' Novembru 1995, il-perit Salvu Micallef inkarigat mill-kumpannija, ipprezenta spjegazzjoni tal-varjazzjoni illi kien hemm bejn il-

kwantitajiet originarjament stmati mill-works Division u x-xoghol illi attwalment twettaq (dok.D) :

“Illi l-kont globali tax-xoghol kollu mwettaq mill-kumpanija attrici intela ghal mija u disgha u hamsin elf erba' mija u dsatax-il lira maltija u sebghin centezmu (LM159,419.70c), minn liema ammont il-kumpanija attrici thallset is-somma ta' mitt elf u wiehed tlett mija u zewg liri Maltin (Lm101,302); u ghalhekk fadallha tithallas bilanc ta' tmienja u hamsin elf mija u sbatax-il lira maltija u sebghin centezmu (Lm58,117.70c);

“Illi minkejja illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont b'ittra interpellatorja tas-16 ta' Marzu 1996, u b'ittra ufficjali tat-tmienja (8) ta' April elf disa' mija sitta u disghin (1996), il-konvenuti baqghu ma hallsux l-ammont dovut minnhom.

“Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

“1. Tiddikjara illi l-kumpanija attrici ghandha tiehu minghand id-Direttur Generali Works Division is-somma ta' tmienja u hamsin elf mija u sbatax-il lira maltija u sebghin centezmu (Lm58.117.70c) bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-hlas tax-xoghol imwettaq in ezekuzzjoni tat-*tender* hawn fuq indikata.

“2. Tikkundannakhom jew min minnkom sabiex thallsu din l-istess somma lill-kumpannija attrici, bl-interessi legali fuq din is-somma mit-tnejn (2) ta' Settembru 1995 sad-data tal-effettiv pagament.

“Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Marzu 1996 u tal-ittra ufficjali tat-8 ta' April, 1996 kontra taghkom.

“Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom ingunti.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta` attrici debitament mahlufa minn Emidio Azzopardi.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :

“1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni hija nulla fil-konfront tal-konvenut l-iehor l-Accountant General stante li din ma gietx preceduta b'ittra ufficjali kif inhu tassattivament rikjest fl-Artiklu 466A tal-Kap. 12;

“2. Illi inoltre u bla pregudizzju ghall-premess huma jirrespingu t-talbiet ta' l-attur stante li l-ammont dovut mhux dak li qed jippretendi l-attur izda dak ta' sitta u ghoxrin elf, tmien mija u disgha u sebghin lira Maltin (LM26,879.00,0) u dan kif jigi ppruvat f'dawn il-proceduri;

“3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

“4. Illi huwa m'ghandux ibati spejjez u dana stante li l-konvenut Direttur Generali tax-Xoghlijiet kien talab lill-attur prospett ta' l-ammont li kien qed jippretendi izda minflok l-attur ghaggel u pprezenta din il-kawza.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti mahlufa mill-A.I.C. Vincent Cassar.

“Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Ottubru 1996 fejn innominat lill-A.I.C. Alex Torpiano bhala espert tekniku f'din il-kawza.

“Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert tekniku pprezentata fil-25 ta' Mejju 2000 u debitament mahlufa fl-istess gurnata.

“Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Novembru 2000 fejn innominat bhala periti addizzjonali lill-A.I.C. Guido Vella, lill-A.I.C. Emanuel Vella u lill-*quantity surveyor* Frank Calleja.

“Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Jannar 2001 fejn ikkonfermat din in-nomina.

“Rat ir-rapport ta' l-istess periti addizzjonali pprezentat fit-28 ta' Awissu 2003 u debitament mahluf minnhom.

“Rat il-verbal taghha tad-29 ta' April 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza.

“Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici.

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza,inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti.

“Ikkunsidrat :

“Illi permezz ta' din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas tal-bilanc minn somma akbar dovuta ghal kuntratt ta' appalt oghti (recte: moghti) lilha mill-konvenuti sabiex twettaq diversi xogholijiet edilizji madwar ghaxar snin ilu.

“Preliminarjament il-konvenuti qed jeccepixxu n-nullita' tac-citazzjoni fil-konfront tal-konvenut Accountant General ghax din ma gietx preceduta b'ittra ufficcjali kif inhu tassattivament rikjest fl-Artikolu 466A (sic) tal-Kap. 12. Ma ngiebet ebda prova mis-socjeta` attrici illi din l-ittra ufficjali jew xi att gudizzjarju iehor kien fil-fatt intbaghat lill-Accounant General ta' l-inqas ghaxart (10) ijiem qabel ma giet intavolata l-kawza, kif stipulat fl-artikolu 460(1) tal-Kap. 12. Ghalhekk hekk (recte: hemm) lok ghaliex din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha.

“Fil-mertu jidher illi l-kontendenti mhumiex jaqblu fuq il-*quantum* realment dovut, ghaliex filwaqt illi s-socjeta` attrici tghid illi ghandha tiehu Lm58,117.70, il-konvenut jikkontendi li ghad baqaghlu jaghti biss Lm26,879.

“Gie stabilit li l-kumpanija attrici hadet kuntratt ta' xoghol ta' kostruzzjoni ta' "*quay walls, abutments and bridge over rainwater channel outlets*" fil-Bajja ta' Marsalforn, Ghawdex, wara *tender* datata l-24 ta' April 1994, skond ittra "*Acceptance of tender*" bid-data tas-17 ta' Lulju 1994. Skond l-istess ittra, x-xoghol kellu jsir skond li "*specifications and conditions*" annessi ma' l-ittra u skond "*Bills of Quantities*". Il-*Bill of Quantities* relattiv kellu fih tmintax (18) il-*item*, f'erba' taqsimiet : "*Foundations", "Construction of seawalls, piers and abutments", "Superstructure*" u "*RC subfloor under bridge*". Skond id-

dokumenti sottomessi, il-valur originali tal-kuntratt kien ta' Lm96,479.61. In segwitu u wara li kienu gia bdew isiru x-xoghlijiet, saru xi varjazzjonijiet u addizzjonijiet u huwa appuntu fuq il-valur ta' dawn ix-xoghlijiet mhux koperti bil-kuntratt originali li jidher illi l-kontendenti mhumiex jaqblu.

“Il-perit tekniku Dottor Alex Torpiano, wara li ha in konsiderazzjoni l-pretensjonijiet rispettivi, kif sostanzjati bid-dokumenti li setghu jipproducu l-kontendenti, wasal ghall-konkluzjoni illi l-ammont totali dovut lill-kumpanija attrici ghal dan l-appalt jammonta ghal Lm140,900.40, li minnu l-konvenut ghandu jhallas bilanc ta' Lm39,598.40. L-ispejjez kellhom jigu allokati kwantu ghal 30% ghas-socjeta` attrici u 70% ghall-konvenut[1].

“Il-periti addizzjonali pero' kienu tal-fehma illi l-ewwel perit kien generali wisq fil-kalkoli tieghu, u huma ghalhekk hadmu l-kontijiet b'mod ferm aktar dettaljat. Huma hargu l-kont li fl-opinjoni taghhom kien realment dovut, wara li hadu in konsiderazzjoni dak li kienet qed tippretendi s-socjeta` attrici u dak li deherlu li kien dovut il-konvenut dwar kull *item* in kontestazzjoni. Wara li ghamlu dan l-ezercizzju, setghu jaslu ghall-konkluzjoni illi l-valur totali ta' dan l-appalt kien ilahhaq is-somma komplessiva ta' Lm154,165.01. Billi qabel ma giet intavolata din il-kawza, kien sar pagament akkont ta' Lm101,302.00, cifra li fuqha qablu l-kontendenti, jibqa' bilanc x'jigi saldat fis-somma ta' Lm52,863.01.[2]

“Billi din hija natura teknika ghall-ahhar, il-Qorti trid toqghod necessarjament fuq dak li jghidu l-esperti minnha nominati. Ma jidher illi hemm xejn x'wiehed jista' jiccensura fil-metodu uzat mill-periti addizzjonali sabiex waslu ghall-konkluzjonijiet taghhom u ghalhekk taghmilhom taghha u tillikwida l-ammont li ghadu dovut lis-socjeta` attrici f'din is-somma ta' Lm52,863.

“Is-socjeta` attrici tikkontendi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha[3] illi fuq din is-somma huma dovuti wkoll l-interessi

[1] Ara ropport peritali a fol. 101 - 109 tal-process.
[2] ara rapport addizzjonali a fol. 200 – 220.
[3] a fol. 281 – 286.

relattivi b'effett mid-data ta' l-ittra ufficcjali ghall-hlas mibghuta lill-konvenut. Kif tispjega fl-istess nota, dan qed taghmlu fl-ewwel lok ghaliex il-parti mis-somma dovuta li fuqha ma kien hemm ebda kontestazzoni setghet facilment thallset mill-konvenut, imma dan baqa' jsostni li jhallas il-flus li kien jammetti li ghandu jaghti "*in full and final settlement*". Billi pero' din il-proposta ma kienitx accettabbli ghas-socjeta` attrici, baqa' ma thallas xejn. Imbaghad dwar l-ammonti l-ohra li rrizulta li huma dovuti wkoll lis-socjeta` attrici, dawn, hlief ghal diskrepanza ta' ftit aktar minn Lm5000, kienu djun illi gew determinati u likwidati minnha stess, u f'kull kaz kienu facilment determinabbli mid-debitur. Tikkontendi ghalhekk illi l-fatt li l-periti addizzjonali f'certi *items* naqqsu mill-pretensjonijiet taghha, ma jikkonducix ghall-principju illi "*in illiquidis non fit mora*". Dan ghaliex il-kaz in ezami ma huwiex wiehed fejn il-Qorti qghedha tillikwida danni, izda kaz fejn trid tara jekk il-pretensjonijiet kif diga' likwidati mis-socjeta` attrici humiex dovuti jew le, u jekk iva, hux skond ir-rati determinati mill-istess socjeta`.

“Inghad f'dan ir-rigward mill-qrati taghna illi :

"*Il-fatt li l-Qorti tkun irriduciet l-ammont ma jfissirx li l-interessi ma jibdewx wkoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma hekk ridotta. Il-Qorti ma tkun illikwidat l-ebda ammont b'mod li tigi applikata l-massima* ***'in illiquidis non fit mora'***."[4]

“Hekk ukoll insibu illi :

"*Meta talba ghall-hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dakinhar li ssir l-ewwel intimazzjoni b'att gudizzjarju (jekk dan ikun sar) u mhux minn dakinhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont*." [5]

[4] Appell : Fogg Insurance Agencies Ltd. noe. vs Paul Tabone : 17.2.2003.
[5] Prim Awla : Citadel Insurance PLC vs Johann Ciantar : 20.6.2002.

“F'sens simili inghad illi :

"*Ma hemm l-ebda raguni ghalfejn min ikkontesta talba ghalkemm jahti ghall-hsara, u ghalhekk izomm f'idejh sakemm iddum il-kawza flus li jmissu lil haddiehor, ghandu jkun stmat ahjar minn min jistqarr il-htija tieghu u jhallas mill-ewwel. Min jiehu r-riskju li jikkontesta kawza, u ghalhekk itawwal iz-zmien tal-hlas, ghandu jwiegeb ghall-konsegwenzi kollha tad-dewmien*."[6]

“Il-Qorti ghalhekk u in vista ta' din il-gurisprudenza jidhrilha li s-socjeta` attrici ghandha ragun tinsisti illi l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data ta' l-interpellanza gudizzjarja ghall-hlas u mhux mid-data ta' din is-sentenza.

“Il-konvenuti eccepew ukoll illi m'ghandhomx ibatu spejjez ghax il-konvenut Direttur Generali tax-Xoghlijiet kien talab lis-socjeta` attrici prospett ta' l-ammont li kien qed jippretendi, izda minflok ghaggel u pprezenta din il-kawza. Imma kif intqal dwar kwistjoni simili  mill-qrati taghna :

"*Eccezzjoni fis-sens li l-attur ghandu jigi akkollat l-ispejjez gudizzjarji ghax ma jkunx ghamel interpellazzjoni ghall-hlas qabel il-kawza, ikollha mertu li kieku l-eccipjenti jammetti it-talbiet, u ghalhekk il-kawza tkun saret ghal xejn, ghax kien jammetti qabel li kieku qabel il-kawza saritlu talba ghall-hlas, La darba izda saret kontestazzjoni,is-sejha ghall-hlas qabel il-kawza kienet xorta tkun saret ghalxejn, u ghalhekk l-eccezzjoni dwar l-ispejjez ghandha tigi michuda*." [7]

“L-istess fil-kaz in ezami, minkejja illi l-konvenuti ressqu din l-eccezzjoni, huma xorta wahda kkontestaw l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici, u ghalhekk ghar-ragunijiet indikati fis-sentenza hawn citata, din l-eccezzjoni qed tigi wkoll respinta.

“Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi :

---

[6] Prim Awla :  Atlas Insurance Agency Ltd. noe  vs  Seamalta Co.Ltd.et : 29.10.2002.
[7] ibid.

“tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Accountant General, tiddikjara c-citazzjoni nulla fil-konfront tieghu u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici;

“tichad l-eccezzonijiet l-ohra fil-mertu u :

“1. tiddikjara illi l-ammont li ghadu dovut mill-konvenut l-iehor Direttur Generali tax-Xoghlijiet lis-socjeta` attrici, jammonta ghas-somma ta' tnejn u hamsin elf tmien mija tlieta u sittin lira maltija (Lm52,863);

“2. tikkundanna lill-konvenut Direttur Generali tax-Xoghlijiet sabiex ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont hekk likwidat bl-imghaxijiet relattivi mid-data tat-8 ta' April 1996, u cioe' d-data ta' l-ispedizzjoni ta' l-ittra ufficjali kontra tieghu, sad-data tal-pagament effettiv.

“Bl-ispejjez, apparti gia dawk allokati hawn fuq, kontra l-istess konvenut.”

**APPELL TAL-KONVENUT DIRETTUR GENERALI TAX-XOGHOLIJIET**

2. Il-konvenut hassu aggravat bid-decizjoni tal-Qorti ta’ Prim Istanza, u appella minnha fir-rigward ta’ l-ammont likwidat. Skond l-appellant, il-Qorti ta’ Prim Istanza kienet zbaljata meta llikwidat l-ammont li kien ghadu dovut a bazi tal-konkluzzjonijiet raggunti mill-periti addizzjonali, ghaliex il-periti, ghalkemm qalu li “huma hadmu kontijiet b’mod aktar dettaljat” mill-perit tekniku nominat precedentement, ma taw ebda gustifikazzjoni ta’ kif waslu ghall-konkluzzjoni li r-rati u l-volumi allegati mis-socjeta` attrici huma korretti. Jissottometti li la l-periti perizjuri, u sussegwentement lanqas il-Qorti, ma hadu in konsiderazzjoni certi elementi li huwa kien indika bosta drabi tul il-kors tal-kawza. In sostenn ta’ dan, l-appellant jissottometti b’mod partikolari s-segwenti:-

i) ir-rata applikabbli ghax-xoghol ta’ *RC abutments and piers*, kellha tkun l-istess rata stipulata fl-*Item* numru 11 tal-*Bill of Quantities* stante li dan jitratta xoghol identiku

u l-kuntrattur intitolat jithallas bl-istess rata ghal xoghol simili u ma jistax jitlob hlas aktar gholi ghaliex dan ikun qed imur kontra dak li hu stess kien issottometta fil-*Bill of Quantities* meta ha t-*tender*. Dwar, dan kien anke qabel l-ewwel perit tekniku.

ii) Fir-rigward tax-xoghol ta' thammil, *Item* 1 fuq il-*Bill of Quantities*, hemm diskrepanza ta' 2200 metru kubu li jammontaw ghall-LM3000. L-attrici tghid li d-*dredger* li ntuza kellu *reach* ta' 7.3 metri u li haffer 6.3 metri taht il-bahar, liema kejl gie ridott bonarjament mill-attrici ghal 5.3 metri, izda meta wiehed jikkonsidra li t-thaffir kellu jsir f'angolu ta' 45 grad, il-fond li seta' jlahhaq il-makkinarju jonqos ghal 5.16 metru u ghal 3.9 metri taht l-ilma u ghalhekk il-volum jonqos proporzjonalment. Dan gie konfermat mis-"supervisor" tal-bughaddasa li qal li l-massimu ta' fond li sab kien ta' 4.5 metri mill-wicc ta' l-art u 3.5 metri minn wicc l-ilma l-isfel.

iii) B'konsegwenza ta' din it-talba esagerata ta' l-allegat tahmil li sar, l-attrici qed titlob il-hlas ghal 2800 metru kubu izjed ta' *boulders*. L-ammont f'*item* 5 ghalhekk huwa LM6,300 izjed milli suppost.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAS-SOCJETA` EMVIC LIMITED**

3. Skond is-socjeta` attrici s-sentenza appellata hija gusta u ghandha tigi konfermata. L-appellata tghid li anke li kieku l-lamenteli ta' l-appellant kienu korretti, u ghalhekk kellu jitnaqqas mill-ammont likwidat mill-ewwel Qorti Lm9,000 ghad-diferrenza fir-rati tal-*RC abutments* u LM9,300 ohra, dak li jkun dovut huwa L33,836 u mhux LM26,879 kif jippretendi l-appellant. Dan maghdud, ma hemmx raguni ghala ghandhom jigu skartati l-konkluzzjonijiet raggunti mill-periti addizzjonali li ezaminaw fid-dettall ix-xoghol li sar billi sahansitra ezaminaw il-kont tax-xoghol partita partita. Inoltre, l-appellant, ghalkemm kellu l-opportunita` li jressaq dawn il-lanjanzi fin-nota ta' sottomissjonijiet u n-nota ta' kritika ghar-rapport peritali addizzjonali quddiem l-ewwel Qorti, naqas li jaghmel dan u ghalhekk issa ma jistax jissoleva dawn il-lanjanzi quddiem din il-Qorti.

Aktar specifikatament, is-socjeta` attrici appellata tghid li –
i) x-xoghol ta' *RC Abutments* ma kienx ugwali ghal dak originarjament previst fit-*tender documents*. Originarjament kien previst li jsiru *RC Concrete Abutments* kif jidher fil-pjanta MBR1100. Wara li x-xoghol tlesta, id-Dipartiment ikkoncernat kien tal-fehma li dan it-tip ta' konkrit ma kienx sejjer ikun sod bizzejjed u nhasset il-htiega li l-livell ta' dawn l-*abutments* joghla aktar. Kien il-Perit Griscti Soler stess li pprepara skizz dettaljat tax-xoghol addizzjonali li kellu jsir. Kienu ghalhekk inhadmu travi ohra rinfurzati fuq dawn l-*abutments*. Il-periti addizzjonali ddecidew illi din it-talba ta' l-attrici kienet gustifikata.

ii) dwar ix-xoghol ta' thammil taht il-bahar, il-kejl li sar mill-"quantity surveyor" inkarigat mill-appellanti sar meta kien diga` sar il-kont finali mill-appellata u dan seta' biss ikejjel ix-xoghol li kien jidher il-fuq mill-bahar. Inoltre, il-perit tekniku stess ammetta li kien hemm hafna aktar dettal fil-kejl tal-kumpannija attrici li sar waqt li kien ghaddej ix-xoghol, milli f'dak tal-konvenut, li kif qal il-perit tekniku, qatt ma pprezenta n-noti li suppost ghamlu l-impjegati tieghu sabiex ikejlu u jissorveljaw ix-xoghol ta' tahmil u x-xoghol taht il-bahar. Il-perit tekniku kien qal li hu kien "ghalhekk propens li jaccetta l-verzjoni tal-kumpannija attrici dwar il-kejl ta' dak li sar taht il-bahar." Inoltre, il-perit li kien qed jissorvelja x-xoghol waqt li kien ghaddej, il-Perit Salvu Micallef, zamm "records" dettaljati tax-xoghol u x-xiehda ferm lucida tieghu ma gietx kontradetta. L-istess notamenti gew ukoll esebiti quddiem l-ewwel Perit Tekniku fl-ewwel seduta li nzammet u ghalhekk il-konvenut kellu kull opportunita` li jgib provi li jirribattu dawn in-notamenti – dan izda ma ghamlux. Dan apparti, l-istess Perit S. Micallef xehed fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 1994 li meta tlesta x-xoghol ta' tahmil, u l-"west wall", u l-"west abutment" u "east wall", hu baghat kont li qatt ma gie kontestat. Li kien proprju, il-Perit Griscti Soler li ordna x-xoghol, jirrizulta wkoll mill-ittra tat-28 ta' Marzu 1996 li giet mibghuta mill-Works Division fil-Ministeru ta' l-Ambjent, lis- Segretarju fil-Ministeru tal-Finanzi. Telabora li d-differenza fil-volum tat-tahmil li sar, hija mhix biss

rizultat tad-differenza fil-fond tat-tahmil izda tirrifletti l-wisa tat-tahmil stante li f'partijiet mit-tul tat-tahmil din id-differenza fil-wisa` kienet ta' madwar zewg metri kwadri. Tali differenza giet korroborata mix-xiehda tal-Perit Salvu Micallef u tal-"Quantity Surveyor" Michael Saliba, li hu impjegat ta' l-appellanti. Tidher ukoll fid-diversi ritratti li gew ipprezentati quddiem il-Perit Tekniku u mmarkati 1 sa 4. Dan il-punt diga` gie dibattut fin-noti ta' osservazzjonijiet pprezentati quddiem il-Perit Tekniku li wasal ghall-konkluzzjoni li kellha ragun is-socjeta` appellata. L-istess ghamlu l-periti addizzjonali.

iii) fir-rigward ta' dak sottomess dwar ix-xoghol ta' "boulders", dan ghandu jigi rigettat ghaliex ibbazat fuq l-aggravju precedenti.

iv) finalment tirrileva illi stante li ma sarx appell fir-rigward tad-decizjoni fejn gew akkordati l-interessi fuq l-ammont dovut mid-data mit-8 ta' April 1996, din issa saret *res iudicata*.

**IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4.1. Minn ezami ta' l-atti tal-kawza jirrizulta li s-socjeta` attrici Emvic Limited kienet giet imqabbda taghmel xoghol ta' kostruzzjoni ta' "quay walls, abutments and bridge over rainwater channel outlets" fil-bajja ta' Marsalforn, Ghawdex, u dan wara offerta li hija ghamlet ghal dan l-iskop permezz ta' *tender* datat 24 ta' April 1994. Dan it-*tender* gie accettat, kif jirrizulta mill-ittra mibghuta lis-socjeta` mid-Dipartiment tal-Kuntratti u datata 27 ta' Lulju 1994. Skond il-korrispondenza mibghuta mid-Dipartiment (Dok A fol 7), ix-xoghol kellu jsir skond l-"i*specifications* and conditions" kontenuti fil-*Bill of Quantities* li gie anness ma' din l-accettazzjoni. F'dak il-*Bill of Quantities* gew elenkati 18-il bicca xoghol ghal valur totali ta' LM96,479.61, u dan skond ir-rati li kienu gew kwotati mill-attrici fit-*tender* li hija ghamlet. Il-partijiet jaqblu li wara li kien beda jsir ix-xoghol kellhom isiru xogholijiet mhux previsti fit-*tender* originali, u l-kawza odjerna titratta proprju l-valur ta' dawn ix-xogholijiet peress li hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet kemm dwar ir-rati pagabbli

ghax-xoghol esegwit, kif ukoll dwar l-estensjoni ta’ xoghol li sar.

Stante n-natura teknika tal-kawza, il-Qorti ta’ Prim Istanza kienet appuntat Perit Tekniku sabiex wara li jezamina l-provi, jirrelata u jillikwida l-ammont dovut lill-attrici ta’ dan ix-xoghol. Il-Perit Tekniku, l-AIC A. Torpiano, f’relazzjoni pprezentata fil-25 ta’ Mejju 2000[8], kien ikkonkluda li l-ammont dovut lis-socjeta` attrici kien ta’ LM140,900.40, u li peress li l-konvenuti kienu diga` thallsu pagament akkont ta’ LM101,302 qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna, kien ghad baqa’ bilanc ta’ LM39,598.40.

4.2. Is-socjeta` attrici hassitha aggravata bir-relazzjoni tal-Perit Tekniku u talbet in-nomina ta’ periti addizzjonali. Gew ghalhekk nominati l-AIC Eman. Vella, l-AIC Guido Vella u l-“quantity surveyor” Frank Calleja. Il-Periti addizzjonali, wara li zammew diversi seduti u anke access fuq il-post ikkonkludew illi l-perit tekniku kien generali wisq fil-kalkoli tieghu u llikwidaw il-kumpens dovut mill-gdid, wara li hadu in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti dwar kull *item* in kontestazzjoni. Skond il-periti addizzjonali l-appalt in kwistjoni kien jammonta ghal LM154,165. Peress li kien diga thallas ammont akkont, ic-cifra li l-konvenuti kellhom jigu ordnati jhallsu kienet dik ta’ LM52,863.01. Il-Qorti ta’ l-ewwel grad addottat din l-ahhar relazzjoni u dan ghar-raguni li l-kawza kienet wahda ta’ natura teknika u ghaliex, fi kliemha “ma jidher illi hemm xejn x’wiehed jista` jiccensura fil-metodu uzat mill-periti addizzjonali sabiex waslu ghall-konkluzzjonijiet taghhom”. Dik il-Qorti ghalhekk ordnat lill-konvenuti jhallsu l-ammont hekk likwidat bl-imghax mid-data ta’ l-ispedizzjoni ta’ l-ittra ufficjali, ossija t-8 ta’ April 1996.

5. Fl-appell, il-konvenut jillanja mid-decizjoni tal-Qorti ta’ Prim Istanza li addottat r-relazzjoni tal-Periti addizzjonali, liema relazzjoni, fil-fehma ta’ l-appellant ma tatx gustifikazzjoni ghala gew accettati bhala korretti l-volumi u r-rati kwotati mis-socjeta` attrici, u mhux dawk tal-

[8] Fol 100 et seq

konvenut. Skond l-appellant, ghalkemm il-kawza hija wahda ta' natura ferm teknika, il-Qorti ma setghetx taccetta l-konkluzzjonijiet tal-Periti Teknici jekk dawn ma humiex ragonevolment gustifikati. Fil-fehma ta' l-appellant "ir-rapport peritali tal-periti perizjuri u sussegwentement id-decizjoni moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti ma hadux in konsiderazzjoni certi elementi li l-esponent kien gibed l-attenzjoni ghalihom diversi drabi tul il-kors tas-smigh tal-kawza." Ghandu jinghad illi l-volum tax-xoghol u r-rati li ghalihom qed jirreferi l-appellant jirrigwardaw il-volum ta' thammil li s-socjeta` attrici tallega li sar u li gie adottat mill-Periti Teknici, li skond l-appellant huwa eccessiv, u r-rata li l-istess periti applikaw meta kkalkulaw l-ammont dovut ghax-xoghol ta' *RC abutments and piers*. <u>Dan ifisser li l-appell odjern huwa wiehed essenzjalment dwar l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi quddiemha</u>.

6.1. Fl-ewwel lok, jerga' jigi ribadit illi hija prassi ormai stabbilita li fin-nuqqas ta' provi li juru li jezistu ragunijiet serji u gravi bizzejjed li jiddettaw mod iehor, il-Qorti tat-tieni grad kemm jista' jkun ma tiddisturbax l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-provi li jkun sar mill-ewwel qorti. Dan isir biss jekk l-appellant, ghaliex fuqu tinkombi l-prova, jissodisfaha li hemm tassew ragunijiet validi bizzejjed li jitfghu dubju ragonevoli fuq il-fondatezza ta' l-apprezzament ta' provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti u li, konsegwentement, jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ingustizzja manifesta. Li jfisser allura, illi fejn, wara konsiderazzjoni ta' l-atti kollha processwali, jitnissel fiha l-konvinciment illi l-provi prodotti ma kienux u ma setghux iwasslu ghall-konkluzzjoni raggunta, il-Qorti ta' revizjoni tkun fid-dmir li tiddelibera s-sentenza u anke tqeghdha *in disparte*.

6.2. Minn ezami ta' l-atti processwali jirrizulta, u dan hu anke sottolinejat fir-rikors ta' l-appell, illi l-mertu tal-prezenti istanza hu wiehed purament ta' natura teknika, wahda ferm komplessa, li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad minghajr l-assitenza ta' persuni teknici, bhal periti u "surveyors", biex jghinu lill-Qorti tirrizolvi l-kwistjoni korrettement. Fil-fehma ta' din il-Qorti,

il-Qorti ta' Prim Istanza kienet ghaqlija ferm meta fdat ir-risoluzzjoni ta' din il-vertenza teknika f'idejn persuni esperti, sabiex dawn jaghmlu l-analizi taghhom fuq dak li gie lilhom sottomess bhala provi, mhux biss b'xhieda izda aktar u aktar b'"surveys", pjanti u kalkoli mahduma mill-arkitetti tal-partijiet kontendenti. Il-Qorti ta' l-ewwel grad dan ghamlitu mhux biss darba, izda f'zewg okkazzjonijiet distinti stante li wara li gie pprezentat ir-rapport tekniku tal-Perit Torpiano, il-Qorti, fuq talba tas-socjeta` attrici, appuntat tlett periti addizzjonali, zewg arkitetti u "surveyor", biex jergghu jezaminaw *funditus* il-materja in ezami.

6.3. Bin-nomina ta' dawn il-periti, il-Qorti assigurat illi tingieb il-prova mehtiega ghall-process. Prova li ghalkemm dejjem gie ritenut illi tista` tigi skartata mill-Qorti, stante li ma torbotx lill-gudikant kontra l-konvinzjoni tieghu, ma tistax tigi injorata leggerment u kapricossament u ghandha tinghata l-piz debitu, sakemm ma tigix skossa minn prova ohra kuntrarja, attendibbli u kredibbli. Biex jigi mwarrab rapport tekniku, il-konvinzjoni kuntrarja tal-gudikant ghandha tkun wahda infurmata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ippoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika[9]. Dan ghaliex il-persuni li jkunu rredigew ir-rapport ikunu, bhalma kienu f'dan il-kaz, persuni altament kwalifikati u certament imparzjali u indipendenti, bla ebda interess fil-mertu. "*Kien ghalhekk illi l-ligi tesigi illi l-periti jikkonfermaw l-opinjoni taghhom bil-gurament u tirregola b'mod rigoruz il-mod kif kellhom jikkonducu l-proceduri quddiemhom. Biex tassigura imparzjalita` shiha u allura attendibilita` ghall-prova li tkun ser tigi minnhom prodotta, il-ligi taghti l-opportunita` lill-partijiet li jirrikuzaw il-perit minnha nominat; proprju biex taccerta l-imparzjalita` u l-indipendenza tieghu. Kien ghalhekk ukoll li l-ligi tipprovdi ghan-nomina tal-periti addizzjonali biex ikun hemm mezz ta' verifka ta' l-opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta*.[10]"

6.4. Dan maghdud, jigi rilevat illi din il-Qorti ta' revizjoni hija wkoll fl-istess posizzjoni bhal ta' l-ewwel Qorti u

[9] Farrugia M. et v. Williams M. – PA – 28 ta' Jannar 2005
[10] B. Camilleri noe v. C. Debattista noe et – Appell Superjuri – 9 ta' Frar 2001

ghalhekk hija tista' biss tikkonduci ezercizzju biex tiddetermina jekk fil-lamentali tal-konvenut Direttur Generali tax-Xogholijiet kienux jirrizultaw xi elementi li gravement jiskossaw ir-relazzjoni peritali u l-prova li tali relazzjoni kienet tikkostitwixxi fil-process ta' Prim istanza.

7.1. L-atti quddiem l-ewwel Qorti juru b'mod car illi l-Periti Gudizzjarji Perizjuri espletaw l-inkarigu taghhom b'mod mill-aktar kompetenti u skond l-ahjar hila taghhom, u ma jirrizultax illi kien hemm xi raguni serja ghala l-Qorti ta' l-ewwel grad kellha tiskarta l-opinjoni taghhom. Huma zammew bosta seduti fejn anke semghu lill-periti tal-partijiet kontendenti, u ghamlu access fuq il-post biex ikunu jistghu jespletaw l-inkarigu taghhom. Gew ipprezentati ukoll diversi prospetti mill-partijiet. Jinghad ukoll illi l-lanjanzi ta' l-appellant kienu ngiebu wkoll ghall-attenzjoni tal-Periti Addizzjonali, kif jidher mill-inkartament anness mar-relazzjoni tal-Periti Addizzjonali. F'dan ir-rigward infatti, kien gie ipprezentat Dok. GS3 mid-difensur tal-partijiet fis-seduta tal-10 ta' Awissu 2001[11]. Tajjeb li jigi rilevat li l-ewwel Qorti tat anke l-fakolta` li l-partijiet jaghmlu noti ta' osservazzjonijiet qabel is-sentenza, pero` l-konvenut appellant ma uzufruwhiex minn tali fakolta` ghaliex baqa' tardiv u t-talba tieghu ghal estensjoni tat-terminu prefiss giet michuda. Lanqas ma jirrizulta li saret xi talba ghal fini ta' eskussjoni tal-periti addizzjonali. Il-konvenut appellant ma ghandux u ma jistax issa jippretendi li jista' jinqeda bl-istadju ta' l-appell biex jirrimedja ghal nuqqasijiet kommessi minnu fl-ewwel istanza.

7.2. F'kawza ta' din ix-xorta mhux insolitu li jibqghu domandi bla risposti u incertezza dwar kalkoli li jkunu saru fuq kriterji li mhux necessarjament ikunu accettati mill-partijiet kontendenti kollha. Dan izda ma jfissirx illi l-Qorti kellha tiddipartixxi mill-opinjoni oggettiva ta' periti esperti fil-materja. Aktar u aktar meta rrizulta manifestmanet illi anke l-Perit Tekniku A. Torpiano, kien tal-fehma li l-kejl tal-volum ta' thaffir li kien ghamel il-kuntrattur, li l-maggior parti tieghu sar taht il-bahar jew gie mirdum, kien aktar

[11] fol 233

kredibbli minn dak tal-konvenut (*Item* 1). Dan il-volum jaffettwa necessarjament l-ammont ta' "boulders" li kellhom jintuzaw kif indikat fl-*Item* 5. Ta' l-istess opinjoni kienu l-Periti Addizzjonali li fis-seduta li zammew fil-11 ta' Gunju 2002, bl-iskop li jiddiskutu l-kaz odjern qablu ma' dak li kien iddikjara il-Perit Torpiano f'dan ir-rigward[12]. Il-Perit Tekniku kien spjega dettaljatament ir-ragunijiet li wassluh biex jaqbel mal-kejl provdut mill-attrici. Qal li filwaqt li l-konvenuti qalu li peress li x-xoghol ta' taht il-bahar ma setax jitkejjel u kellu jigi evalwat fuq il-bazi tar-rapporti tad-*divers*, l-attrici sostniet il-kejl taghha fuq dak li kien sar waqt li kien ghaddej ix-xoghol mill-Perit S. Micallef. Il-Perit Tekniku kien kompla jelabora s-segwenti[13] –

"... ma kienx ikkontestat li l-*Quantity Surveyor* beda jaghmel il-kejl tieghu meta l-kumpanija attrici kienet ghamlet il-kont finali taghha; huwa car li l-*Quantity surveyor* seta` biss ikejjel dak ix-xoghol li kien jidher 'l fuq mill-bahar. Dwar ix-xoghol taht il-bahar, l-istess ittra tat-28 ta' Marzu taghmel enfasi fuq ir-rapporti tad-divers dwar ix-xoghol ta' taht il-bahar. Dawn in-noti ma gewx ezebiti, u x-xiehda taz-zewg divers ma tat l-ebda hjiel li kienu jinzammu rekords akkurati ta' dak li kien qieghed jigri taht il-bahar. Anke x-xhieda tat-Technical Officer li kien jissorvelja x-xoghol ma tatx wiehed x'jifhem li kien hemm rekords akkurati ta' dak li kien qed isir. L-istess Technical Officer qatt ma ra x-xoghol ta' taht il-bahar b'ghajnejh. Saret referenza ghall-"Quality Assurance Programme Forms", li gew ezebiti; imma dawn ma jippermettu l-ebda konkluzzjoni sinifikanti. Fihom ma jidher l-ebda kejl ta' xoghol – fil-fatt ma jidher l-ebda notament, hlief tikkjaturi li, fil-fatt, ma jfissru xejn. Mill-forom, fil-fatt, wiehed jista` jiehu l-impressjoni li kien hemm qbil, mill-kuntrattur u mis-supervisor, li kollox sar skond il-livelli, hxuniet u qisien kif specifikata, (jigifieri skond id-dokumenti originali mal-kuntratt); waqt li hemm qbil generali fix-xhieda, li dan il-fatt ma kienx minnu. Minhabba li kien ammess li d-drawings ghal dan il-progett kienu bbazati fuq soluzzjonijiet standard, u mhux specifikament ghal qisien u kundizzjonijiet tas-sit partikolari, huwa difficli biex wiehed

[12] fol 238
[13] Ara fol. 106-107

jaccetta li dawn id-drawings gew segwiti minghajr l-ebda tibdil. Mix-xhieda jidher ukoll li l-firem li saru fuq il-forom ma tantx ifissru ghaliex kien ammess li min kien jiffirma mhux necessarjament kien ikun ra x-xoghol hu. Lanqas ma gew pprezentati xi notamenti li fuqhom sar il-kejl tal-konvenut – lanqas ghal dak ix-xoghol fuq il-bahar.

“Illi f’dawn ic-cirkostanzi, l-esponent ma jistax jistabilixxi ezatt u fil-fatt x’kien sar. Jista’ pero` jesprimi l-opinjoni tieghu illi, mir-records li gew sottomessi, kien hemm hafna aktar dettal fil-kejl tal-kumpanija attrici milli f’dak tal-konvenut; dan id-dettal sar waqt li x-xoghol kien ghaddej, u ma kienx evalwazzjoni li saret wara. L-esponent huwa ghalhekk aktar propens li jaccetta l-verzjoni tal-kumpanija attrici dwar il-kejl ta’ dak li sar taht il-bahar.”

Jigi rilevat li hawnhekk, fejn il-fehma ta’ l-esperti teknici kollha hija unanima, kien ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi minn din il-konkluzzjoni, wahda ta’ natura prettament teknika, ghaliex huwa ma ghandux il-konoxxenza mehtiega biex, b’mod kritiku, jasal ghall-konvinciment divers minn dak li waslu ghalih l-erba’ periti.

7.3. L-appellant jillanja wkoll illi d-decizjoni tal-periti addizzjonali li jadottaw ir-rata ta’ LM70m$^3$u mhux dik ta’ LM40m$^3$ fir-rigward tax-xoghol ta’ *RC Abutments and piers* li huma xogholijiet mhux inkluzi originarjament fit-“tender” ma kenitx korretta. Jissottometti li r-rata applikabbli kienet ir-rata stipulata fl-*item* numru 11 tal-*Bill of Quantities* li jinkorpora xoghol identiku – kif kien qal il-Perit Tekniku A. Torpiano. Skond l-appellant, il-kuntrattur ma kellux dritt jitlob rata aktar gholja ghaliex ikun qed imur kontra l-offerta li hu stess kien ghamel fit-*tender*. Il-Perit Saviour Micallef xehed quddiem il-Periti addizzjonali li l-attrici kienet qed titlob LM70m$^3$ ghaliex “l-*abutments* ma sarux f’darba izda f’darbtejn minhabba l-livell ta’ taht il-bridge. Il-prezz mitlub ta’ LM70 per cubic meter ikopri l-konkos, ir-rinforz u l-labour u l-profitt[14]”. Jinghad illi l-Perit Tekniku Torpiano kien wasal ghad-decizjoni li r-rata applikabbli kellha tkun LM40m$^3$ u LM70m$^3$ mhux ghax kien tal-fehma

[14] fol 247-248

li x-xoghol kien simili ghal dak fl-*Item* 11, kif jikkontendi l-appellant, izda ghaliex il-kumpanija attrici ma kenitx otteniet l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti ghal din ir-rata u ghaliex l-attrici ma setghetx tassumi illi peress li l-kwantitajiet tax-xoghol qabzu l-hamsa fil-mija il-prezzijiet tal-kuntratt ma kienux se jorbtu[15]. Min-naha l-ohra, il-periti addizzjonali addottaw ir-rata rikjesta mill-attrici ghal raguni teknika – jigifieri li fil-fehma taghhom ix-xoghol ta' *RC Abutments and piers* kien simili ghax-xoghol imsemmi fl-*Item* numru 12 fil-*Bill of Quantities*, ossija "cast concrete ends to piers" li kellu jithallas bir-rata ta' LM70 kull metru kubu[16]. Din il-konstatazzjoni teknika giet konfermata unanimament mit-tlett periti, u ma kien hemm l-ebda gustifikazzjoni l-ghala kellha titwarrab mill-Qorti ta' Prim Istanza, li certament ma kellhiex il-konoxxenza mehtiega biex tiddetermina hi jekk ix-xoghol kienx jixbah jew le lil dak imsemmi fl-*Item* numru 12. Kienet ghalhekk gustifikata dik il-Qorti meta ddecidiet li tigi ggwidata minn tlett esperti teknici fil-materja, li wara kollox kienu indipendenti mill-partijiet u li gew appuntati bi qbil bejn l-istess partijiet. Dwar dan jigi rilevat ukoll illi rrizulta mill-provi illi x-xoghol ta' *RC Abutments and piers* li sar mis-socjeta` attrici ma kienx ugwali ghal dak previst originarjament u li wara li kien tlesta x-xoghol li kellu jsir kienet inharget ordni mill-Perit tad-Dipartiment, il-Perit Grixti Soler, biex tkopri dan ix-xoghol addizzjonali.

8. Din il-Qorti ghalhekk ma jidhrilhiex li hemm xi element li jindikalha li ghandha b'xi mod tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi – inkluz ma' dawn ir-rapport peritali addizzjonali. Anke fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti in materja, il-Qorti hija allura tenuta li taddotta tali apprezzament li, fl-ahhar mill-ahhar, sa fejn tista' tiggudika hi, u anke kunsiderat il-komplessita` teknika necessarja sabiex wiehed jasal ghal-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut, jirrizulta gust u korrett. Ghaldaqstant, peress li ma jirrizulta xejn fondat fl-aggravju ta' l-appellant li jikkonvinci lil din il-Qorti li ghandha tiddipartixxi mill-korrettezza ta' l-opinjonijiet teknici tal-

[15] fol 108
[16] fol 239

periti addizzjonali, kif adottati mill-Qorti ta’ l-ewwel grad, l-aggravji ta’ l-appellant qeghdin jigu michuda.

Ghar-ragunijiet hawn esposti, tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konvenut appellant u tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata ta’ l-14 Ottubru 2004 bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------